

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.12.2007  
KUMM(2007) 797 finali

2007/0278 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEK(2007) 1661  
SEK(2007) 1662}

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. INTRODUZZJONI**

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija waħda mill-għanijiet ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha. Fit-tnedija ta' l-Istrateġija ta' Liżbona f'Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex iħallu "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar sa l-2010". Kunsilli Ewropej segwenti reġgħu affermaw dan l-għan. Il-Konsultazzjoni dwar l-Inventarju tar-Realta' Soċjali, li l-Kummissjoni Ewropea bdiet fl-2006, juri l-importanza li jiġu indirizzati forom ġodda u antiki ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Ewropa.

Fl-Unjoni Ewropea, 78 miljun ruħ bħalissa qeġhdin jgħixu fir-riskju ta' faqar. Fl-Istati Membri kollha, parti mill-popolazzjoni hija suġġetta għal esklużjoni u deprivazzjoni, u spiss jiffaċċjaw aċċess limitat għal servizzi bażiċi. Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet li l-faqar qawwi sar iktar problema u li l-għadd ta' nies li qed ibatu minn faqar assolut żdied.

Din il-qagħda hija kontradizzjoni ċara għall-valuri komuni ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea u l-bżonnijiet li jridu jiġu ttrattati permezz ta' azzjoni riżoluttiva u kredibbli. Il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament (MMK) għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali — inniedi mill-Kunsill ta' Liżbona — kien għodda importanti għall-provvista ta' gwida u appoġġ mill-UE lill-Istati Membri fl-isforz tagħhom għal koeżjoni soċjali ikbar fl-Ewropa. Madankollu, l-effettività tiegħu jserraħ fuq il-proprjetà pubblika u l-impenn ta' l-atturi rilevanti kollha.

Fl-Aġenda Soċjali tagħha ta' l-2005-2010, il-Kummissjoni għalhekk ħabbret proposta biex l-2010 ssir is-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Is-Sena Ewropea se tikkomplimenta l-azzjoni taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament u se tgħin biex jiġi kkonsolidat l-impenn politiku ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha li jħallu impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.

### **2. SENA EWROPEA GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI**

#### **2.1. Għanijiet ġenerali**

Il-proposta biex l-2010 tiġi nominata bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija maħsuba biex terġa' tafferma u tqawwi l-impenn politiku inizjali ta' l-UE fil-bidu ta' l-istrateġija ta' Liżbona biex jitħalla "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar".

Is-Sena Ewropea għandha tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa u twassal il-messaġġ li l-faqar u l-esklużjoni huma ta' xkiel għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Dan għandu jgħin biex tingħeleb il-viżjoni li l-ġlieda kontra l-faqar hija spiża għas-soċjetà u terġa' tafferma l-importanza tar-responsabilità kollettiva, li tinvolvi mhux biss lil min jieħu d-deċiżjonijiet imma wkoll lill-atturi pubbliċi u privati.

Is-Sena Ewropea għandha tikkontribwixxi wkoll billi tagħti leħen lin-nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, pereżempju bit-tiżiħ ta' l-għaqdiet li jieħdu sehem fihom u billi jinvolvuhom f'attivitajiet maħsuba biex iħallu impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar.

L-UE trid ukoll tistqarr għal darba oħra r-responsabilità globali tagħha biex tiġġieled il-faqar madwar id-dinja. Iż-żieda tal-kuxjenza ta' l-interdipendenza globali u l-bżonn għall-iżvilupp sostenibbli u solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet għandha tkun parti mit-tqajjim ta'

kuxjenza ġenerali. It-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-faqar globali se jkun marbut mat-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-għan ewlieni tiegħu, jiġifieri l-ġlieda kontra l-faqar.

Is-Sena Ewropea b'hekk se terġa' tafferma l-impenn ta' l-Unjoni għas-solidarjetà, il-ġustizzja soċjali u koeżjoni ikbar, u se tippromwovi l-konsistenza u se tagħti spinta lill-appoġġ għall-għanijiet globali ta' l-Unjoni, partikolarment fir-rigward ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u x-xogħlijiet u għall-istrateġija ta' l-iżvilupp sostenibbli.

## **2.2. Għanijiet speċifiċi — Għarfien — Proprjetà — Koeżjoni — Impenn**

Minbarra l-għanijiet ġenerali, erba' għanijiet speċifiċi huma l-bażi tal-proposta għal Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali:

**Għarfien** — L-għarfien ta' dritt in-nies f'qagħda ta' faqar u esklużjoni soċjali biex jgħixu b'dinjità u biex ikunu parti sħiħa mis-soċjetà.

**Proprjetà** — Żieda fil-proprjetà pubblika tal-politiki u l-azzjonijiet ta' l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabilità ta' kulħadd fit-trattament tal-faqar u l-marġinalizzazzjoni.

**Koeżjoni** — Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva, billi titqajjem kuxjenza pubblika tal-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà fejn il-faqar huwa eradikat u ħadd ma hu kkundannat jgħix fil-marġini.

**Impenn** — It-tennija ta' l-impenn politiku qawwi ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-promozzjoni ta' dan l-impenn fil-livelli kollha ta' governanza

## **2.3. Implimentazzjoni ta' azzjonijiet**

L-attivitajiet tas-Sena Ewropea se jkunu l-bażi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali u se jkollhom il-mira li jipproduċu valur miżjud ċar f'termini ta' l-impatt u l-effettività tal-politika.

B'konformità mal-prijoritajiet identifikati fil-proċess ta' Ħarsien Soċjali u Inklużjoni Soċjali, huwa propost li s-Sena Ewropea tiffoka fuq **it-temi** li ġejjin:

- il-faqar tat-tfal u t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar;
- suq tax-xogħol inklussiv;
- nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ;
- id-dimensjoni tas-sessi fil-faqar;
- aċċess għal servizzi bażiċi;
- l-għelbien tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' minoritajiet etniċi;
- l-indirizzar tal-bżonnijiet ta' nies diżabbli u gruppi vulnerabbli oħrajn.

Fl-ippjanar ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea, l-Istati Membri se jaddattaw dawn it-temi għall-qagħda u l-isfidi nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-kunsiderazzjonijiet ta' koeżjoni territorjali. L-involvement u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati se jkunu integrati fil-prijoritajiet kollha.

Fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jqisu l-modi differenti kif in-nisa u l-irġiel jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Huma se jiżguraw ukoll li d-dimensjoni tas-sessi tkun integrata fil-prijoritajiet tas-Sena Ewropea bil-ħsieb li tippromwovi l-ugwalanza tas-sessi.

#### **2.4. Ħidma bi sħab ma' pajjiżi parteċipanti**

Filwaqt li l-Unjoni tista' tipprovdi qafas għall-koordinament fl-livelli varji, progress tanġibbli jintlaħaq biss permezz ta' involvement sinifikanti tal-pajjiżi parteċipanti fil-livell nazzjonali. Attivitajiet li ġew definiti f'livell Ewropew biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-approċċ lejn soċjetà inklussiva jistgħu b'hekk jiġu addattati għall-ispeċifitàjiet ta' kull pajjiż.

L-involvement tal-pajjiżi parteċipanti jitlob it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' koordinament kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak ta' l-UE biex jinħolqu s-sinerġiji meħtieġa u l-effetti ta' amplifikazzjoni. Se jinħatar **Kumitat** magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea.

Il-Kumitat se jimmonitorizza l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet fuq il-bażi ta' linji gwida żviluppata mill-Kummissjoni, id-**Dokument ta' Qafas Strateġiku (SFD)**, biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Rapport Konġunt dwar l-Inklużjoni Soċjali. L-SFD se jaġixxi bħala punt ta' referenza għall-Istati Membri, u se jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għas-Sena Ewropea flimkien ma' l-għanijiet definiti għas-Sena.

Biex tkun effettiva, l-UE se tfittex li taħdem ma' firxa wiesgħa ħafna ta' partijiet interessati, tistedinhom biex jingħaqdu fi djalogu għaddej dwar il-prijoritajiet u l-mekkaniżmi tal-ħidma tas-Sena. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll ir-rabtiet neċessarji mal-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali biex tiżgura li tkun infurmata sew u regolament bl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea.

Għas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera wkoll ma' l-għaqdiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u n-Nazzjonijiet Uniti. Fil-livell nazzjonali, kull Stat Membru se jkun responsabbli għall-koordinament u l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali.

L-implimentazzjoni nazzjonali trid tkun konsistenti ma' l-għanijiet politiċi stabbiliti għas-Sena Ewropea, bi tweġiba għad-Dokument ta' Qafas Strateġiku msemmi hawn fuq. Kull Stat Membru se jibgħat lill-Kummissjoni **Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea**. Dawn il-Programmi se jinkorporaw l-għanijiet kumplessivi u l-prinċipji essenzjali kif definiti fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-Sena Ewropea u żviluppaw Dokument ta' Qafas Strateġiku. Dawn se jitfasslu b'konsistenza u koordinament mill-qrib ma' l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.

Kull programm għandu jkun imfassal, adottat u implimentat b'kooperazzjoni stretta ma' u taħt is-supervizzjoni tal-**Korpi Implimentattivi Nazzjonali (NIBs)** nominati mill-pajjiżi parteċipanti tas-Sena Ewropea. L-NIBs huma awtoritajiet amministrattivi jew ekwivalenti b'kompetenza u esperjenza ppruvata fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u rwol ewleni fl-abbozzar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-NAPs/inklużjoni. L-NIBs se jkunu responsabbli għall-għażla ta' inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali b'konformità ma' l-għanijiet politiċi strateġiċi definiti mill-Kummissjoni.

Fit-twaqqif u t-twettiq ta' l-istrateġiji nazzjonali tagħhom, kull NIB se jikkonsulta u jikkoopera mill-qrib mal-**Grupp Konsultattiv Nazzjonali** — NAG — kompost minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inklużi l-għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw l-interessi tan-nies fil-faqar, ir-rappreżentanti parlamentari nazzjonali, l-imsieħba soċjali, u l-awtoritajiet lokali.

### 3. IL-KUMPLIMENTARJETA

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-attivitajiet finanzjarji matul is-Sena Ewropea jikkumplimentaw inizzjattivi Komunitarji rilevanti oħrajn u attivitajiet marbuta mill-qrib ma' l-inklużjoni soċjali, bħal pereżempju l-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-ESF, il-Gwida għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Programm PROGRESS, il-Programmi ta' Edukazzjon u Taħriġ, il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ, il-Programm iż-Żgħażaġħ Jaġixxu, il-Programm tas-Saħħa, il-politiki ta' l-immigrazzjoni u l-ażil, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u s-seba' Programm ta' Qafas tar-Riċerka.

Għalhekk se jiddaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' koordinament biex jiġi evitat l-irkib u biex jitwassal l-appoġġ lejn il-promozzjoni tal-messaġġi ewlenin tas-Sena Ewropea.

Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll il-kumplimentarjetà ma' kwalunkwe inizzjattiva oħra għall-kooperazzjoni ma' l-għaqdiet u pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi fi proċess ta' żvilupp, f'oqsma rilevanti ma' l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

### 4. IL-VALUR MIŻJUD TA' L-UE (SUSSIDJARJETA U PROPORZJONALITÀ)

L-esperjenza ta' Snin Ewropej preċedenti fil-qasam soċjali wera r-rilevanza tagħhom fit-tqajjim ta' kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali, it-trawwim tal-parteċipazzjoni, it-tisħiħ ta' l-impenn politiku fil-livelli kollha u l-kontribuzzjoni għall-bidla politika.

Il-miżuri proposti għas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali huma maħsuba biex iżidu l-valur fil-livell Ewropew billi:

- Iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali rigward il-kawżi, il-prevalenza u l-aspetti multipli tal-faqar fl-Unjoni Ewropea tal-lum, kif ukoll il-kisbiet tal-Mudell Soċjali Ewropew. Dan jipprovdi opportunità unika għall-istima "preparatorja" ta' l-impatt tal-politiki għall-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali, inkluż permezz ta' appoġġ għal azzjonijiet innovattivi fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali;
- Jistimula dibattitu dwar modi biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' nies li bħalissa jsibu ruħhom esklużi, u jippermetti firxa usa' ta' partijiet interessati li jsiru involuti billi jesmprimu fehmethom dwar kif jiġu ttrattati l-faqar u l-esklużjoni, jirriklama l-azzjonijiet tagħhom, isaħħu l-kumplimentaritajiet tagħhom u jaqsmu proposti konkreti dwar din il-kwistjoni;
- Jippromwovi soċjetà iktar koeżiva u integrazzjoni aħjar tad-dimensjoni soċjali fi ħdan il-politiki Ewropej u nazzjonali għat-tkabbir u l-impjieġ ekonomiku u l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll irawwem rabtiet u sinerġiji iktar qawwija ma' l-inizzjattivi u l-programmi ta' l-UE, inklużi l-Fondi Strutturali;
- Jiżgura impenn politiku qawwi min-naħa tal-bosta atturi ta' l-UE għall-eradikazzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'kontinwità ma' l-impjenji li saru taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.

Biex jintlaħqu dawn ir-riżultati, l-UE għandha rwol deċiżiv u insostitwibbli fil-koordinament, l-appoġġ u l-ikkumplimentar ta' l-azzjonijiet li jridu jittieħdu fil-livell nazzjonali u lokali. Il-proposta b'hekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilita mill-Artikolu 5 tat-Trattat.

Fl-istess ħin, il-proposta għas-Sena Ewropea tenfasizza l-importanza li jiġu rrispettati t-tradizzjonijiet u l-kuntesti nazzjonali differenti ta' l-Istati Membri, kemm biex tkun żgurata l-flessibilità fl-implimentazzjoni u biex ikunu evitati l-interferenzi fil-prattiċi tajba li diġà jeżistu f'xi Stati Membri. F'dan ir-rigward, il-proposta tosserva wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

## **5. KONSULTAZZJONI ESTERNA**

Biex tiġi abbozzata din il-proposta, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu l-fehmiet ta' partijiet interessati ewlenin rigward l-għanijiet u l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

Saret konsultazzjoni esterna mal-partijiet interessati rilevanti bejn April u Ġunju 2007. Din kienet iċċentrata fuq kwestjonarju li talab kummenti dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, fost l-oħrajn: l-għanijiet; l-involviment tal-partijiet interessati; it-tfassil ġenerali, il-qafas u t-tipi ta' azzjonijiet; u s-segwitu meħtieġ biex jiġi żgurat l-impatt dewwiemi tas-Sena Ewropea.

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tindika li l-proposta għal Sena Ewropea ddedikata għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija milqugħa mill-partijiet interessati rilevanti kollha. It-tweġibiet jenfasizzaw il-potenzjal ta' Sena Ewropea bħal din f'termini ta' komunikazzjoni u mobilizzazzjoni u jipprovdu suġġerimenti utli għall-fini u t-tfassil ta' l-inizjattiva. Huma jsemmu wkoll l-valur miżjud tagħha fir-rigward tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar l-Inklużjoni Soċjali. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ntużaw biex jiddefinixxu l-għanijiet u l-azzjonijiet għas-Sena Ewropea.

Proċess konsultattiv ma jista' qatt ikun eżerċizzju "ta' darba", u tħejjija effettiva titlob konsultazzjoni fuq bosta stadji. Iż-żmien ta' ftit qabel is-Sena Ewropea se jwassal għal iktar opportunitajiet (eż. id-Konferenza annwali dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali) għal firxa wiesgħa ta' partijiet interessati biex jikkontribwixxu għat-tfassil u t-tħejjija tagħha.

## **6. STIMA TA' L-IMPATT**

Stima ta' l-impatt tas-Sena Ewropea hija mehmuża ma' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Hija twettqet mill-Kummissjoni. B'konformità mar-regoli għal valutazzjonijiet bil-quddiem, hija fiha preżentazzjoni dettaljata tal-bżonnijiet li jridu jiġu sodisfatti, l-għanijiet li jridu jintlaħqu, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi li hemm bżonn biex jitkejlu. Hija teżamina wkoll il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju, ir-riskji marbuta mal-proposti u l-għażliet alternattivi disponibbli, u t-tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi. Fl-aħħar nett, hija tistima l-volum ta' l-approprijazzjonijiet, ir-riżorsi umani u l-ispiża amministrattiva li trid tiġi allokata, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' l-effettività fl-infiq, u s-sistema ta' monitoraġġ li trid titwaqqaf.

## **7. SPJEGAZZJONI DETTALJATA GĦAL KULL ARTIKOLU**

L-Artikolu 1 jinnomina l-2010 bħala s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

L-Artikolu 3 jippreżenta l-kontenut ta' l-azzjonijiet u jirreferi lill-qarrej għall-Annessi għal aktar dettalji.

L-Artikolu 4 jistipula li kunsiderazzjonijiet dwar is-sessi għandhom jiġu integrati fl-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-Sena Ewropea

L-Artikolu 5 jiddefinixxi t-termini ta' kooperazzjoni u implimentazzjoni fil-livell Komunitarju u jistabbilixxi l-modi ta' kif l-azzjonijiet fil-livell Ewropew għas-Sena Ewropea se jiġu implimentati.

L-Artikolu 6 jiddefinixxi t-termini ta' kooperazzjoni u implimentazzjoni ma' u fi ħdan l-Istati Membri u jistabbilixxi l-modi ta' kif l-azzjonijiet taħt is-Sena Ewropea se jiġu implimentati.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi Kumitat biex jassisti l-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

L-Artikolu 8 jistipula l-arranġamenti finanzjarji sabiex l-azzjonijiet ikunu implimentati f'livelli Komunitarji u nazzjonali.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-proċedura għall-għażla ta' l-azzjonijiet flivelli Komunitarji u nazzjonali.

L-Artikolu 10 jitlob li l-Kummissjoni, b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, tiżgura konsistenza u kumplimentarjetà ma' azzjonijiet u inizjattivi oħrajn tal-Komunità.

L-Artikolu 11 jiddefinixxi t-termini ta' parteċipazzjoni għal Stati li mhumiex Membri.

L-Artikolu 12 jistabbilixxi l-baġit għall-azzjoni.

L-Artikolu 13 jistipula li l-Kummissjoni tista' tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-Artikolu 14 jistipula l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

L-Artikolu 15 jiddefinixxi l-monitoraġġ u l-qafas ta' valutazzjoni għas-Sena Ewropea.

L-Artikolu 16 jiddefinixxi t-termini tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.



Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)  
(test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>3</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>4</sup>,

Billi:

- (1) L-adozzjoni tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1997 introduċa l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali fost l-oqsma ta' l-attivitajiet koperti mid-dispożizzjonijiet tal-politika soċjali fit-Trattat tal-KE - b'mod partikolari l-Artikoli 136 u 137 - u pprovda qafas ġuridiku ġdid u bażi għal impenn politiku ġdid f'dan il-qasam.
- (2) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona f'Marzu 2000 għaraf li l-livell tal-faqar u l-esklużjoni soċjali kien inaċċettabbli. Il-bini ta' Unjoni Ewropea iktar inklussiva kien għalhekk meqjus bħala element essenzjali għall-ilħuq tal-mira strateġika għal għaxar snin ta' l-Unjoni għat-tkabbir ekonomiku, iktar xogħlijiet aħjar u koeżjoni soċjali akbar.
- (3) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex iħallu "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar sa l-2010". Il-Kunsill ta' Liżbona b'hekk qabel li jadotta Metodu Miftuħ ta' Koordinament (MMK) f'dan il-qasam.
- (4) Sa mill-bidu, il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament (MMK) għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali kien għodda importanti għall-appoġġ għal dan l-impenn politiku u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-UE biex jappoġġja lill-Istati Membri fl-isforz tagħhom għal koeżjoni soċjali ikbar fl-Ewropa.

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) Il-MMK qiegħed jgħin biex iqawwi t-tagħlim reċiproku u għandu kuxjenza miżjuda tan-natura multi-dimensjonali ta' l-esklużjoni u l-faqar. L-OMC qiegħed b'hekk joħloq il-kundizzjonijiet biex jipproduċi impatt akbar fuq il-post biex r-rabta ta' l-UE mal-valuri soċjali ssir aktar viżibbli għaċ-ċittadini Ewropej.
- (6) Minkejja dawn il-kisbiet, partijiet sinifikanti tal-popolazzjoni fl-Istati Membri kollha għadhom ibatu mid-deprivazzjoni u l-aċċess limitat għal servizzi bażiċi jew iħosshom esklużi mis-soċjetajiet tagħhom, u 78 miljun ruħ jgħixu f'riskju ta' faqar.
- (7) Barra minn hekk, hemm sinjali li l-kwistjoni ta' faqar kbir qed issir iktar importanti u l-għadd ta' nies li jbatu minn faqar assolut qiegħed jiżdied, minħabba wkoll l-inugwaljanzi dejjem jikbru fil-ġid madwar l-Unjoni.
- (8) Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija waħda mill-għanijiet ċentrali ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha.
- (9) Il-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom forom kumplessi u multidimensjonali. Huma relatati ma' dħul u standards ta' għixien, aċċess għal servizzi ta' kwalità tajba u servizzi oħrajn, u opportunitajiet edukattivi u ta' xogħol.
- (10) L-Aġenda Soċjali 2005-2010, li tikkomplimenta u tappoġġja l-Istrateġija ta' Liżbona, għandha rwol ewlieni biex tippromwovi d-dimensjoni soċjali tat-tkabbir ekonomiku. Waħda mill-prijoritajiet ta' l-Aġenda Soċjali hija l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd bħala mezz għal soċjetà aktar koeżiva.
- (11) Fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Inklużjoni Soċjali, bosta pajjiżi enfasizzaw ir-riskju għoli ta' faqar u/jew esklużjoni minn xi gruppi partikolari, inklużi t-tfal, ġenituri waħedhom, l-anzjani, il-migranti u l-minoritajiet etniċi, il-persuni diżabbli, in-nies bla dar, il-ħabsin, in-nisa u t-tfal li huma vittmi ta' vjolenza, u min jabbuża severament mis-sustanzi.
- (12) Għalkemm ix-xogħol inaqqas sinifikament ir-riskju ta' faqar għall-individwu, spiss ma jkunx biżżejjed biex jeħles lin-nies mill-faqar, u r-rata ta' "fir-riskju ta' faqar" għadha relattivament għolja anke għal dawk li jaħdmu. Il-faqar fost min għandu xogħol huwa marbut ma' pagi baxxi, ħiliet baxxi, u xogħol prekarju u spiss part-time, imma wkoll għall-karatteristiċi tad-dar fejn joqgħod l-individwu, f'termini ta' dipendenti u l-intensità tal-ħidma tad-dar. Impjeg ta' kwalità huwa għalhekk essenzjali biex jeħles lill-individwi mill-faqar.
- (13) In-nuqqas ta' kompetenzi u kwalifiki bażiċi huwa ostaklu ewlieni għall-inklużjoni fis-soċjetà. Hemm periklu dejjem jikber li jkun hemm baħar jaqsam fis-soċjetà bejn dawk li għandhom aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja biex isaħħu l-impjegabilità u l-addattabilità tagħhom, u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva tagħhom, u dawk li jibqgħu esklużi. Dawk mingħajr ħiliet adegwati se jsibuha iktar diffiċli li jidħlu fis-suq tax-xogħol u jsibu xogħol ta' kwalità, huma aktar probabbli li jqattgħu perjodi twal bla xogħol u, jekk jaħdmu, huma iktar probabbli li jsibu ruħhom f'xogħlijiet b'pagi baxxi.
- (14) Id-disponibilità u l-abilità għall-użu ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni (ICT) qiegħed isir dejjem iktar prerekwiżit għall-inklużjoni. Dikjarazzjoni ministerjali approvata f'Ġunju 2006 f'Riga titlob soċjetà ta' l-informazzjoni għal kulħadd.

- (15) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv ta' l-azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija kemm din tgawdi minn appoġġ popolari wiesa'. Is-Sena Ewropea għandha sservi bħala katalista biex titqajjem kuxjenza u jinħoloq momentum. Hija għandha tgħin biex tiffoka l-attenzjoni politika u timmobilizza lil kull min hu kkonċernat sabiex jiġi avvanzat il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.
- (16) Il-livelli differenti ta' progress li jkun sar fil-livell nazzjonali u d-differenzi fil-kuntesti u s-sensitivitajiet soċjo-ekonomiċi u kulturali nazzjonali, jitolbu li parti konsiderevoli ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea jkunu ddeċentralizzati fil-livell nazzjonali, permezz ta' sistema ta' amministrazzjoni ċentralizzata indiretta skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu<sup>5</sup>.
- (17) Madankollu, id-definizzjoni tal-prijoritajiet politiċi fil-livell nazzjonali għandhom ikunu mmonitorizzati mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tkun iggarantita l-konsistenza bl-għanijiet strateġiċi maqbula għas-Sena Ewropea u fl-aħħar nett bl-Għanijiet Komuni stabbiliti għall-Metodu Miftuħ ta' Koordinament.
- (18) Il-Parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għandha tinftaħ għall-Istati Membri, pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), għall-pajjiżi kandidati li qed jibbenefikaw mill-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni u l-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent, f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehimiet rispettivi tagħhom, u għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skond id-dispożizzjonijiet tad-Dokument ta' Strateġija ta' Mejju 2004 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Pajjiż.
- (19) Hemm bżonn ta' konsistenza u l-kumplimentarjetà ma' azzjonijiet Komunitarji oħrajn, b'mod partikolari mal-programm PROGRESS, il-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), azzjoni biex tiġġieled id-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet fundamentali, u azzjoni fl-oqsma ta' edukazzjoni u taħriġ, djalogu kulturali u interkulturali, iż-żgħażaġh, iċ-ċittadinanza, l-immigrazzjoni u l-ażil, u r-riċerka.
- (20) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għat-tul kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fl-ambitu tat-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Inter-Istituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda<sup>6</sup>.
- (21) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 390, 31/12/2006); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002) kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 (ĠU L 111, 28.4.2007).

<sup>6</sup> ĠU C 139 14.06.06, p. 1.

proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.

- (22) L-għanijiet tas-Sena Ewropea proposta ma jistgħux jintlaħqu għal kollox fil-livell ta' l-Istati Membri minħabba l-bżonn, fost l-oħrajn, ta' sħubijiet multilaterali, skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tixrid fost il-Komunità kollha ta' prassi tajba, u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju. Għaldaqstant, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

#### *Is-Sena Ewropea*

Bil-ħsieb li tkun appoġġjata l-azzjoni Komunitarja fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, is-sena 2010 għandha tkun nominata "is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali" (minn hawn 'il quddiem: is-Sena Ewropea).

### *Artikolu 2*

#### *L-għanijiet*

L-għanijiet tas-Sena Ewropea se jkunu kif ġej:

- a) **Għarfien** — L-għarfien ta' dritt in-nies f'qagħda ta' faqar u esklużjoni soċjali biex jgħixu b'dinjità u biex ikunu parti sħiħa mis-soċjetà. Is-Sena Ewropea għandha tgħin biex tingħaraf il-qagħda ta' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u li jippromwovu l-aċċess effettiv tagħhom għal drittijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali kif ukoll għar-riżorsi u s-servizzi u għandu jgħin fil-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-istigmatizzazzjoni;
- b) **Proprietà** — Żieda fil-proprietà pubblika tal-politiki u l-azzjonijiet ta' l-inklużjoni soċjali, b'enfasi fuq ir-responsabilità ta' kulħadd fit-trattament tal-faqar u l-marġinalizzazzjoni. Is-Sena Ewropea għandha trawwem il-kuxjenza, il-parteċipazzjoni u l-impenn, u toħloq opportunitajiet ġodda għal ċittadini ordinarji biex jagħtu sehemhom.
- c) **Koeżjoni** — Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar koeżiva billi titqajjem kuxjenza pubblika tal-benefiċċji għal kulħadd ta' soċjetà fejn il-faqar huwa eradikat u ħadd ma hu kkundannat jgħix fil-marġini. Is-Sena Ewropea għandha trawwem soċjetà li ssostni u tiżviluppa l-kwalità tal-ħajja, il-benessri soċjali u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd irrispettivament mill-isfond tagħhom, tiżgura l-iżvilupp sostenibbli u s-solidarjetà bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet u l-koerenza politika ma' l-azzjoni ta' l-UE madwar id-dinja.

- d) **Impenn** — It-tennija ta' l-impenn politiku qawwi ta' l-UE għall-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-promozzjoni ta' dan l-impenn fil-livelli kollha ta' governanza Filwaqt li tkompli tibni fuq il-kisbiet u n-nuqqasijiet possibbli tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Farsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha ssaħħaħ l-impenn politiku għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tagħti spinta għal żvilupp ulterjuri ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

### *Artikolu 3*

#### ***Il-kontenut ta' l-azzjonijiet***

1. L-azzjonijiet maħsuba biex jilhqgħu l-għanijiet stabbiliti mill-Artikolu 2 jistgħu jinkludu b'mod partikolari dan li ġej:
  - a) laqgħat u avvenimenti;
  - b) kampanji promozzjonali, edukattivi u ta' informazzjoni
  - c) sħarriġ u studji fuq skala Komunitarja jew nazzjonali.
2. Id-dettalji ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Anness").

### *Artikolu 4*

#### ***L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet bejn is-sessi***

Is-Sena Ewropea għandha tqis il-modi differenti ta' kif in-nisa u l-irgħiel jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

### *Artikolu 5*

#### ***Kooperazzjoni u implimentazzjoni fil-livell Komunitarju***

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7.
2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet Komunitarji koperti minn din id-Deċiżjoni jiġu implimentati f'konformità ma' l-Anness.
3. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tiżgura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà ta' l-azzjoni u l-inizjattivi tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 10 biex tgħin ħalli jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
4. Hija trid tmexxi skambju regolari ta' fehmiet mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-livell Ewropew dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-valutazzjoni tas-Sena Ewropea.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi r-rabtiet meħtieġa mal-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali biex tiżgura l-informazzjoni regolari u xierqa dwar l-implimentazzjoni ta' l-attivitatijiet imsemmija f' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 6*

##### ***Kooperazzjoni u implimentazzjoni fil-livell nazzjonali***

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar "Korp Implimentattiv Nazzjonali" biex jorganizza l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sena Ewropea u jiżgura koordinament fil-livell nazzjonali. Il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jkun responsabbli għad-definizzjoni tal-programm nazzjonali u l-prijoritajiet għas-Sena Ewropea u għall-għażla ta' azzjonijiet individwali biex ikunu proposti għal finanzjament Komunitarju. L-istrateġija u l-prijoritajiet nazzjonali għas-Sena Ewropea għandhom ikunu stabbiliti b'konformità ma' l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 2.
2. Il-proċedura għall-għoti ta' finanzjament Komunitarju għall-azzjonijiet fil-livell nazzjonali huwa stabbilit fil-Parti II ta' l-Anness.
3. Għall-fini li twettaq il-kompiti tagħha, il-Korp Implimentattiv Nazzjonali għandu jikkonsulta fuq bażi regolari u jikkoopera mill-qrib mal-Grupp Konsultattiv Nazzjonali, magħmul minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati rilevanti, inklużi għaqdiet tas-soċjetà ċivili u għaqdiet li jiddefendu jew jirrappreżentaw l-interessi ta' dawk li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ir-rappreżentanti parlamentari nazzjonali, l-imsieħba soċjali, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.

#### *Artikolu 7*

##### ***Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat, magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat u jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Ir-rappreżentant minn kull Stat għandu jinħatar mill-Korp Implimentattiv Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 6.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

#### *Artikolu 8*

##### ***Dispożizzjonijiet finanzjarji***

1. Azzjonijiet fuq skaċja Komunitarja, kif stabbilit fil-Parti I ta' l-Anness, jistgħu jiġu sussidjati sa 80 % jew jagħtu lok għal kuntratti ta' akkwist iffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-azzjonijiet fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali jistgħu jkunu kofinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea sa massimu ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli totali ta' l-azzjonijiet implimentati skond il-proċedura stabbilita fil-Parti II ta' l-Anness.

#### *Artikolu 9*

##### ***Proċedura ta' applikazzjoni u għażla***

1. Deċiżjonijiet dwar il-finanzjament ta' l-azzjonijiet skond l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(2) għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).
2. Talbiet għal għajnuna finanzjarja għal azzjonijiet skond l-Artikolu 8(3) għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-Korpi Implimentattivi Nazzjonali b'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti II ta' l-Anness.

#### *Artikolu 10*

##### ***Konsistenza u kumplimentarjetà***

1. Il-Kummissjoni flimkien mal-pajjiżi parteċipanti trid tiżgura li l-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu konformi ma' l-azzjonijiet u l-inizjattivi Komunitarji, nazzjonali u reġjonali.
2. Huma għandhom jiżguraw li s-Sena Ewropea tikkumplimenta bis-sħiħ inizjattivi u riżorsi Komunitarji, nazzjonali u reġjonali eżistenti oħrajn, fejn ikunu jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sena Ewropea.

#### *Artikolu 11*

##### ***Pajjiżi parteċipanti***

Parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea se tkun miftuħa għal:

- a) L-Istati Membri;
- b) il-pajjiżi kandidati li qed igawdu mill-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fi programmi Komunitarji stipulati, rispettivament, fil-Ftehim Qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsilli ta' l-Assoċjazzjoni;
- c) il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, b'konformità ma' l-arranġamenti li għad iridu jiġu stabbiliti ma' dawn il-pajjiżi skond il-ftehimiet qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Komunità;
- d) L-Istati ta' l-EFTA li huma partijiet fil-Ftehim taż-ŻEE, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim;

- e) Pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteciċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi Komunitarji stipulati fid-Dokument Strateġiku ta' Mejju 2004 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Pajjiżi. Kwalunkwe appoġġ finanzjarju Komunitarju għall-attivitajiet tal-pajjiżi sħab ta' l-ENP f'dan il-kontest għandhu jkun kopert mill-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'konformità mal-prijoritajiet u l-proċeduri stabbiliti għall-kooperazzjoni ġenerali ma' dawk il-pajjiżi.

#### *Artikolu 12*

##### ***Baġit***

1. Il-qafas finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun ta' EUR 17 000 000, li EUR 6 500 000 minnhom għandhom ikunu għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009.
2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limitu tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013.

#### *Artikolu 13*

##### ***Kooperazzjoni internazzjonali***

Għall-fini tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni tista' tikkoopera wkoll ma' l-għaqdiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u n-Nazzjonijiet Uniti.

#### *Artikolu 14*

##### ***Ħarsien l-interessi finanzjarji tal-Komunità***

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta l-azzjonijiet finanzjati skond id-Deċiżjoni preżenti jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u bil-ġbir lura ta' ammonti mħallsa meta mhux dovuti u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz ta' pjeni effettivi, proporzjonali u dissważivi, b'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
2. Fir-rigward ta' l-azzjonijiet Komunitarji li jkunu ffinanzjati skond din id-Deċiżjoni, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun ġej minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li



jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits immexxija minnhom, minħabba punt ta' nefqa mhux iġġustifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk hi ssib xi irregolaritajiet, partikolarment nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew mad-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt li jagħti l-appoġġ finanzjarju meqjus, jew jekk jinstab li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet suġġetta għal tibdil sinifikanti li ma jaqbilx man-natura tagħha jew mal-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.
4. Jekk ma jkunux ġew osservati l-limiti ta' żmien jew jekk parti biss mill-għajjnuna finanzjarja allokata tkun ġustifikata mill-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jippreżenta osservazzjonijiet fi żmien perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-kumpliment ta' l-għajjnuna finanzjarja u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.
5. Kwalunkwe ammont li ma kellux jiġihallas ikollu jintradd lura lill-Kummissjoni. Għandu jiżdied l-imgħax ma' kwalunkwe somom li ma jiġihallsux lura fi żmien xieraq skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

#### *Artikolu 15*

#### ***Monitoraġġ u valutazzjoni***

Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-istima kumplessiva ta' l-azzjonijiet pevisti minn din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 16*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX

### **Id-dettalji ta' l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3**

#### **I. AZZJONIJIET FUQ SKALA KOMUNITARJA**

##### **1. Laqgħat u avvenimenti**

L-organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti fil-livell Komunitarju, maħsuba biex iqajmu kuxjenza dwar il-kwistjonijiet relatati mas-Sena Ewropea u dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex jipprovdu forum għall-iskambju ta' l-ideat. Dawn se jiġbru lill-partijiet interessati rilevanti u jkunu ppjanati flimkien ma' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-għaqdiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentawhom, biex jiprovdu opportunità tajba biex jiġu indirizzati lakuni fil-politika u problemi ta' kuljum.

##### **2. Kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni li jinvolvu**

- L-organizzazzjoni ta' bosta inizjattivi ta' solidarjetà għat-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali biex ċittadini ordinarji jingħataw l-opportunità biex jikkontribwixxu direttament jew permezz ta' l-għaqdiet tagħhom, anke jekk modestament jew f'liema forma tkun. Kampanji fil-mezzi tax-xandir jistgħu jagħtu appoġġ lil operazzjonijiet ta' ġbir ta' fondi fi ħdan il-qafas tas-Sena Ewropea;
- L-iżvilupp ta' logo, disponibbli f'diversi formati, u slogans għas-Sena Ewropea, għall-użu b'konnessjoni ma' kwalunkwe azzjoni marbuta mas-Sena Ewropea;
- Kampanja ta' tagħrif fil-livell Komunitarju b'pożizzjoni fil-livell nazzjonali, ibbażata kemm fuq il-kanali ta' komunikazzjoni tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda flimkien ma' teknoloġiji ġodda;
- Il-produzzjoni ta' għodod ta' komunikazzjoni u ta' xandir disponibbli madwar il-Komunità biex jistimulaw l-interess pubbliku;
- Miżuri u inizjattivi xierqa biex jixxandru r-riżultati u jogħla l-profil tal-programmi, l-azzjonijiet u l-inizjattivi Komunitarji li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea;
- Inizjattivi xierqa minn istituzzjonijiet edukattivi biex ixerrdu t-tagħrif dwar is-Sena Ewropea;
- L-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet Ewropej li jenfasizzaw il-kisbiet u l-esperjenzi b'konnessjonijiet mat-temi tas-Sena Ewropea;
- Rabta qawwija ma' l-organizzazzjonijiet u s-setturi li normalment ma jkunux marbuta ma' kwistjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali (eż. sport, arti), inkluż l-użu ta' testimonjanzi u "ambaxxaturi";
- It-twaqqif ta' websajt ta' tagħrif fuq Europa.

### 3. Azzjonijiet oħrajn

- Stħarriġiet u studji madwar il-Komunità għall-istima u r-rappurtar tat-tħejjija, l-effettività, l-impatt u l-monitoraġġ fit-tul tas-Sena Ewropea. Biex jiġi ffaċilitat kunsens għdid madwar is-soluzzjonijiet politiċi, stħarriġ ta' din ix-xorta se jinkludi wkoll sensiela ta' mistoqsijiet biex titkejjel l-opinjoni pubblika dwar il-politika dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inklużi sistemi ta' ħarsien soċjali, u sistemi ta' ħarsien soċjali, u r-rwol potenzjali ta' l-Unjoni fil-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni. Dan se jsir fl-2009 biex ir-riżultati tiegħu jkunu jistgħu jiġu ppreżentati fil-Konferenza Miftuħa tas-Sena Ewropea;
- Kooperazzjoni mas-settur privat, ix-xandara u l-mezzi l-oħrajn ta' komunikazzjoni bħala sħab fit-tqassim tat-tagħrif dwar is-Sena Ewropea kif ukoll fl-azzjonijiet immirati għal dialogu għat-tul dwar kwistjonijiet soċjali;
- Għajjuna teknika biex tiffaċilita t-trasferiment tat-tagħlim;
- Rapport ta' valutazzjoni dwar l-effettività u l-impatt tas-Sena Ewropea.

Jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet speċifiċi ma' l-organizzazzjoni ta' avvenimenti fil-livell Ewropew u internazzjonali.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel użu minn għajjuna teknika u/jew amministrattiva għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u tal-pajjiżi parteċipanti, pereżempju billi tiffinanzja esperti minn barra dwar suġġett speċifiku.

### 4. Finanzjament

Il-finanzjament jista' jkun fil-forma ta':

- ix-xiri ta' prodotti u servizzi, b' mod partikolari fil-qasam tal-komunikazzjonijiet, permezz ta' sejħiet għall-offerti;
- ix-xiri ta' servizzi ta' konsulenza, permezz ta' sejħiet għall-offerti;
- sussidji mogħtija biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' avvenimenti speċjali fil-livell Ewropew biex tiġi enfasizzata u titqajjem kuxjenza dwar is-Sena Ewropea. Finanzjament bħal dan m'għandux jaqbeż it-80 % ta' l-ispiża totali mgħarrba minn min se jirċivih.

## II. IL-KOFINANZJAMENT TA' AZZJONIJIET FIL-LIVELL NAZZJONALI

Dawn l-azzjonijiet għandhom iqisu l-bżonn li jiġu pprovduti opportunitajiet ta' finanzjament li jiżguraw aċċess għall-għaqdiet "fuq il-post" u proġetti li jinvolvu l-gruppi l-iktar marġinalizzati.

1. Azzjonijiet f'livell lokali, reġjonali jew nazzjonali jistgħu jikkwalifikaw għal finanzjament mill-baġit Komunitarju sa massimu ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli totali għal kull pajjiż parteċipant. Kofinanzjament nazzjonali għandu jaqbel mal-finanzjament ta' l-UE b'ta' l-inqas 50 % minn sorsi pubbliċi jew privati. Fl-għażla ta' l-azzjonijiet, il-Korpi Implimentattivi Nazzjonali se jkunu liberi li jiddeċiedu jekk

għandhomx, u f'liema livell, jitolbu kofinanzjament mill-għaqda respopnsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet individwali.

2. Wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni se ttejjji Dokument ta' Qafas Strateġiku, li flimkien ma' l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, se jstabbilixxu l-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni ta' l-arrivitajiet tas-Sena Ewropea, inklużi standards minimi f'termini ta' parteċipazzjoni f'korpi u azzjonijiet nazzjonali.
3. Bi tweġiba għad-Dokument ta' Qafas Strateġiku, kull Korp Implimentattiv Nazzjonali se jipproduċi Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, b'koordinament u konsistenza mill-qrib ma' l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.
4. Kull Korp Implimentattiv Nazzjonali se jibgħat applikazzjoni waħda għall-finanzjament Komunitarju. Dik l-applikazzjoni għall-għotja se tiddekrivi l-programm u l-prijoritajiet nazzjonali għas-Sena Ewropea, l-azzjonijiet proposti għall-finanzjament fil-pajjiż parteċipanti rilevanti u l-għaqdiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kull azzjoni individwali. L-applikazzjoni għall-għotja se tkun akkumpanjata minn baġit dettaljat li jfassal l-ispejjeż totali ta' l-azzjonijiet proposti u l-ammont u s-sorsi tal-kofinanzjament. L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal imġarrba mill-korp implimentattiv nazzjonali.
5. Ir-rilaxx ta' għotjiet globali lil pajjiżi parteċipanti se jiddependi minn kemm ikunu ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u żviluppali fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku fil-Programm Nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.
6. Il-Kummissjoni se tivvaluta u, jekk ikun hemm bżonn, titlob xi modifiki għall-applikazzjonijiet għall-finanzjament Komunitarju mibgħut mill-Korpi Implimentattivi Nazzjonali.
7. Azzjonijiet skond il-punt 1 ta' hawn fuq jistgħu jinkludu:
  - a) Laqgħat u avvenimenti marbuta ma' l-għanijiet tas-Sena Ewropea, inklużi avvenimenti nazzjonali għat-tnedija u l-promozzjoni tas-Sena Ewropea, joħolqu effett katalist u jipprovdu spazji miftuħa għal dibattitu dwar azzjoni konkreta għall-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
  - b) Seminars reċiproċi dwar it-tagħlim fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
  - c) Avvenimenti oħrajn marbuta mat-ttejjija ta' inizjattivi fil-livell ta' l-UE (eż il-Konferenza Ewropea Annwali dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-Laqgħa Ewropea tan-Nies li qed Jesperjenzaw il-Faqar);
  - d) Kampanji promozzjonali, edukattivi u ta' tagħrif u azzjonijiet oħrajn fl-iskejjel u l-miżuri b'effett multiplikatur qawwi biex jintxerrdu l-prinċipji u l-valuri bażi li tiċċelebra s-Sena Ewropea fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fosthom l-organizzazzjoni ta' premijiet u kompetizzjonijiet;
  - e) Stħarriġ u studji minbarra dawk imsemmija fil-punt 3 tal-Parti I, biex teżamina iktar fil-fond il-kwistjonijiet ewlenin tas-Sena Ewropea;

f) Opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil, l-imsieħba soċjali, il-mezzi tax-xandir, ir-rappreżentanti ta' l-NGOs u atturi oħrajn biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar il-fenomeni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, dwar il-politiki Ewropej u nazzjonali dwar l-esklużjoni soċjali u ta' l-għodod politiċi differenti disponibbli, biex tiżdied il-kapaċità tagħhom meta jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-faqar, u biex jitħeġġew jieħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

g) Kooperazzjoni mal-mezzi tax-xandir;

h) L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni pilota reġjonali u lokali għall-inklużjoni soċjali.

### **III. AZZJONI LI GĦALIHA MA HEMM L-EBDA GĦAJNUNA FINANZJARJA DISPONIBBLI MILL-BAĠIT ĠENERALI TA' L-UNJONI EWROPEA**

Il-Komunità se tagħti appoġġ mhux finanzjarju, inkluża awtorizzazzjoni bil-miktub biex jintuża l-logo speċifiku maħluq għas-Sena Ewropea u materjal ieħor marbut mas-Sena Ewropea, għal inizjattivi meħuda minn għaqdiet pubbliċi u privati, sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jipprovdu assikurazzjonijiet lill-Kummissjoni — abbażi ta' kriterji speċifiċi stabbiliti fid-Dokument ta' Qafas Strateġiku — li l-inizjattivi meqjusa qegħdin jew se jitwettqu tul il-perjodu tas-Sena Ewropea u x'aktarx li jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħaq wieħed jew iktar mill-għanijiet tagħha.

Inizjattivi organizzati f'pajjiżi terzi flimkien jew f'kooperazzjoni mas-Sena Ewropea jistgħu jirċievu wkoll appoġġ mhux finanzjarju mill-Komunità u jużaw il-logo u materjali oħrajn assoċjati mas-Sena Ewropea.

### **IV. IL-PRIJORITAJIET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SENA EWROPEA**

Meta titqies in-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u bil-ħsieb li tiġi integrata l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fi ħdan politiki oħrajn, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea għandu jkollha l-mira li tipproduċi valur miżjud ċar u tipprovdi komplement effettiv għall-Metodu Miftuħ ta' Koordinament dwar il-Ħarsien Sojali u l-Inklużjoni Soċjali. Dawn l-attivitajiet għandhom għalhekk jiffokaw fuq numru limitat ta' oqsma prijoritarji.

B'konformità ma' l-analiżi li twettqet u l-prijoritajiet identifikati fir-Rapport Konġunt tal-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, is-Sena Ewropea għandha tiffoka madwar it-temi li ġejjin:

- il-faqar tat-tfal u t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar;
- suq tax-xogħol inklussiv;
- l-iżvantaġġi fl-educazzjoni u t-taħriġ, inkluż taħriġ fil-kompetenza diġitali;
- il-faqar u d-dimensjoni tas-sessi;
- l-aċċess għas-servizzi bażiċi, inkluża akkomodazzjoni deċenti;

- l-għelbien tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' minoritajiet etniċi;
- l-indirizzar tal-bżonnijiet ta' nies diżabbli u gruppi vulnerabbli oħrajn.

Fl-ippjanar ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea b'konformità mal-prijoritajiet ta' hawn fuq, il-pajjiżi parteċipanti se jaddattawhom għas-sitwazzjonijiet u l-isfidi nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-kunsiderazzjonijiet ta' koeżjoni territorjali.

Fid-dawl ta' l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni għandha tiġi integrata madwar il-prijoritajiet kollha.

Skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jqisu, fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet tas-Sena Ewropea, il-modi differenti kif in-nisa u l-irġiel jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Huma se jiżguraw ukoll li s-sessi jkunu integrati fil-prijoritajiet tas-Sena Ewropea bil-ħsieb li tiġi promossa l-ugwalanza bejn is-sessi.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

**Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali**

### 2. QAFAS ABM/ABB

Il-qasam/oqsma ta' politika kkonċernati u assoċjati ma' l-attività/attivitàjiet:

Qasam ta' politika: Impjegi u Affarijiet Soċjali

Attività: **Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali**

### 3. LINJI BAĠITARJI

3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji ta' għajjuna teknika u amministrattiva relatati (eks linji BA)) li jinkludu l-intestaturi:

Il-linja ġdida tal-baġit 04 04 12 għall-attivitàjiet ta' appoġġ imwettqa b'konnessjoni mas-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali.

3.2. Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

01.01.2009 – 31.12.2010

**3.3. Karatteristiċi baġitarji** (żid ir-ringieli jekk ikun hemm bżonn):

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati	Intestatura fil-qafas finanzjarju
04 04 12	NCE	Approprjazzjonijiet differenzjati.	IVA	IVA	IVA	1a

### 4. TAQSIRA TAR-RIŻORSI

#### 4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Taqsira ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' ħlas fil-prezzijiet ta' issa

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru taqsimi		2009	2010	2011	2012	n+3 u wara	Total

#### Nefqa operattiva

Approprjazzjo	Nru		6.500	10.500				17.000
---------------	-----	--	-------	--------	--	--	--	--------

nijiet ta' impenn (CA)	tat-taqsima	a						
Approprjazzjonijiet ta' ħlas (PA)	Nru tat-taqsima	b	3.000	10.000	4.000			17.000

#### AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Approprjazzjonijiet ta' impenn	a	6.500	10.500				17.000
Approprjazzjonijiet ta' ħlas	b	3.000	10.000	4.000			17.000

#### Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	c	0.477	0.477	0.297			1.251
Nefqiet amministrattivi oħra, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza NDA	d	0.036	0.107	0.019			0.162

#### Nefqa finanzjarja indikattiva totali ta' l-azzjoni

CA TOTALI inkluża n-nefqa tar-riżorsi umani	a + c + d	7.013	11.084	0.316			18.413
PA TOTALI inkluża n-nefqa tar-riżorsi umani	b + c + d	3.513	10.584	4.316			18.413

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

#### 4.1.2. Il-kompatibilità mal-programmi finanzjarji

Il-proposta hija kompatibbli mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004 dwar il-Qafas Finanzjarju 2007-2013, COM(2004) 487 finali. Il-proposta se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestaturi rilevanti fil-Qafas Finanzjarju.

#### 4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul.

4.2. FTE tar-riżorsi umani (inklużi uffiċjali, personal temporanju u estern) – ara d-dettalji taħt il-punt 8.2.1.

Ir-reqwiżiti	2009	2010	2011	2012	n + 3 u wara
--------------	------	------	------	------	--------------



<b>annwali</b>					
Għadd totali ta' riżorsi umani	5	5	3		

## 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

### 5.1. Ħtiġijiet li jridu jiġu sodisfatti fil-medda ta' żmien qasir jew twil

Il-Kummissjoni bi ħsiebha twassal il-kwistjoni tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u tiżgura soċjetà iktar inklussiva għall-attenzjoni ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri u biex tikkoordina l-isforzi biex titqajjem kuxjenza u ttenni u ssaħħaħ l-impenn politiku inizjali ta' l-UE fil-bidu ta' l-istrateġija ta' Liżbona biex isir "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar."

### 5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerrenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġiji possibbli

L-għanijiet tas-Sena Ewropea, filwaqt li huma mmirati lejn iċ-ċittadin individwali, jintlaħqu aħjar u jkollhom iktar effett fil-livell Komunitarju mil-livell ta' l-Istati Membri. L-azzjonijiet maħsuba ma jmorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-attivitajiet finanzjati mis-Sena Ewropea jikkumplimentaw interventi Komunitarji oħrajn.

### 5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fi ħdan il-qafas ABM

Is-Sena Ewropea għandha tistimula dibattitu u toħloq soluzzjonijiet biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' nies li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, it-tiħiħ ta' l-għaqdiet li jieħdu sehem fihom, u l-iżvilupp ta' oqfsa iktar b'saħħithom biex tiżgura l-involviment tagħhom f'attivitajiet maħsuba biex iħallu impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar. Dan se jgħin biex il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament iħalli impatt ikbar fuq il-post.

### 5.4. Metodu ta' implimentazzjoni

*Ġestjoni ċentralizzata*, direttament mill-Kummissjoni u indirittament mid-delegazzjoni għall-korpi tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku.

## 6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

### 6.1. Sistema ta' sorveljanza

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi xi eżempji ta' indikaturi.

GĦANIJIET	INDIKATURI (INDIKATTIVI)
<i>Għanijiet speċifiċi</i>	<i>Indikaturi</i>

<p><b>Għarfien</b> — L-għarfien ta' dritt in-nies f'qagħda ta' faqar u esklużjoni soċjali biex jgħixu b'dinjità u biex ikunu parti sħiħa mis-soċjetà.</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Li ċ-ċittadini u min ifassal il-politika jkunu jafu/jifhmu l-aspetti differenti tal-faqar u l-għerug tal-kawżi tagħhom</i></li> <li>– <i>Opportunitajiet għall-iżvilupp ta' djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet soċjali ma' l-għaqdiet tal-mezzi tax-xandir</i></li> <li>– <i>Bidla fil-perċezzjonijiet lejn nies li qed jesperjenzaw il-faqar fir-rigward ta' l-isterjotipi u l-istigmatizzazzjoni kif ukoll l-awtoperċezzjoni tan-nies li qed jesperjenzaw il-faqar</i></li> </ul>
<p><b>Proprjetà</b> — Jitqajjem dibattitu dwar modi ta' kif tista' tiżdied il-parteċipazzjoni fis-soċjetà</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Opportunitajiet speċifiċi biex jiġu diskussi l-mekkaniżmi u l-mudelli l-iktar xierqa għall-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati fil-proċess tat-tfassil tal-politika</i></li> <li>– <i>Parteċipazzjoni wiesgħa u effettiva, abbażi ta' linji gwida komuni, fit-tħejjijiet għas-Sena Ewropea</i></li> <li>– <i>Opportunitajiet għal taħriġ u taġlim effettiv</i></li> </ul>
<p><b>Koeżjoni</b> — Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar inklussiva u koeżiva</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Avvenimenti, studji u kampanji biex jipprovovvovu dibattitu parteċipatorju madwar ir-rwol ta' l-UE fil-ksib ta' soċjetà iktar koeżiva</i></li> <li>– <i>L-opportunitajiet għat-twessigħ tad-dibattitu għall-għaqdiet u s-setturi li normalment ma jkunux involuti fi kwistjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali</i></li> <li>– <b><i>Il-viżibilità tal-programmi u l-azzjonijiet tal-KE biex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli u l-azzjoni ta' l-UE biex jiġi miġġieled il-faqar madwar id-dinja</i></b></li> <li>– <b><i>L-iżvilupp ta' inizjattivi sostenibbli, b'mod partikolari biex jipromwovu approċċi transsettorjali għall-inklużjoni soċjali</i></b></li> </ul>
<p><b>Impenn</b> — It-tennija ta' impenn politiku qawwi</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Stima tal-kisbiet tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament</i></li> <li>– <i>Analiżi kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak ta' l-UE biex jiġi pprovdut appoġġ iktar qawwi għall-politiki bbażati fuq l-evidenza u iktar żvilupp politiku</i></li> <li>– <i>Opportunitajiet għal impenn ġdid għat-tul għall-UE biex jiġi eliminat il-faqar</i></li> </ul>
<b>Indikaturi Operattivi</b>	
<p>Kampanji informattivi u promozzjonali</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Numru u tip ta' attivitajiet informattivi u promozzjonali</i></li> <li>– <i>Żieda ta' kuxjenza u appoġġ pubbliċi</i></li> <li>– <i>Influwenza fuq il-proċess politiku u d-diskors pubbliku</i></li> <li>– <i>L-estent u t-ton tal-kopertura mill-istampa u l-mezzi tax-xandir ta' l-avvenimenti appoġġjati mis-Sena Ewropea (kwalitattiva u kwantitattiva)</i></li> <li>– <i>Ir-rilevanza li tkun fi żmienha u tal-messaġġ komunikat</i></li> <li>– <i>Għadd u tipi ta' għodod biex jistimulaw l-interess tal-pubbliku ġenerali</i></li> <li>– <i>Il-perċentwali tal-popolazzjoni milħuqa</i></li> <li>– <i>Aċċess għal u użu għall-għodod ta' informazzjoni stabbiliti u mqassmin mis-Sena Ewropea dwar il-programmi rilevanti tal-KE</i></li> <li>– <i>Kuxjenza fost il-parteċipanti fil-programmi u l-azzjonijiet tas-Sena Ewropea ta' dawn l-attivitajiet</i></li> <li>– <i>L-użu ta' logo u slogans għall-attivitajiet tas-Sena Ewropea</i></li> <li>– <i>L-użu tal-websajt tas-Sena Ewropea</i></li> </ul>
<p>Stħarriġ u studji</p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Il-kopertura tal-pubblikazzjonijiet</i></li> </ul>

	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>It-titjib tal-bażi ta' l-għerf</i></li> <li>– <i>Ir-rilevanza tar-rakkomandazzjonijiet</i></li> <li>– <i>L-użu fid-deċiżjonijiet tal-programmazzjoni</i></li> </ul>
Avvenimenti u inizjattivi fuq livell Komunitarju	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Għadd u tip ta' parteċipanti</i></li> <li>– <i>Rata ta' sodisfazzjon</i></li> <li>– <i>Tip ta' effetti ta' taġħlim</i></li> <li>– <i>Kopertura mill-mezzi tax-xandir</i></li> <li>– <i>Żieda ta' kuxjenza pubblika</i></li> <li>– <i>Il-kwalità tal-messaġġ komunikat</i></li> <li>– <i>Influwenza fuq il-proċess politiku u d-diskors</i></li> </ul>
Avvenimenti u inizjattivi fil-livell nazzjonali	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>L-għadd u t-tipi ta' inizjattivi (it-medija u l-promozzjoni tas-Sena Ewropea; spazji miftuħa għad-dibattitu; seminars għal reviżjoni inter pares; kampanji u azzjonijiet edukattivi fl-iskejjel; l-organizzazzjoni ta' premijiet u kompetizzjonijiet; stħarriġ u studji; opportunitajiet ta' taħriġ; eċċ.)</i></li> <li>– <i>Għadd u tip ta' parteċipanti</i></li> <li>– <i>Ir-rilevanza li tkun fi żmienha</i></li> <li>– <i>Ir-rilevanza tas-suġġett(i) għall-għanijiet tas-Sena Ewropea</i></li> <li>– <i>Rata ta' sodisfazzjon</i></li> <li>– <i>Tip ta' effetti ta' taġħlim</i></li> <li>– <i>Kopertura mill-mezzi tax-xandir</i></li> <li>– <i>Il-kwalità tal-messaġġ komunikat</i></li> <li>– <i>Żieda fil-kuxjenza</i></li> <li>– <i>Influwenza fuq il-proċess politiku u d-diskors</i></li> <li>– <i>It-titjib tal-bażi ta' l-għerf</i></li> <li>– <i>Proġetti li jinvolvu promoturi jew netwerks minn setturi differenti</i></li> <li>– <i>Proporzjon tal-baġit totali użat biex jiġi appoġġjat dan l-għan operattiv</i></li> <li>– <i>Effett multiplikatur (għadd ta' azzjonijiet u inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali sponsorjati imma mhux iffinanzjati mis-Sena Ewropea)</i></li> </ul>
Għajjnuna teknika biex tiffaċilita t-trasferiment tat-taġħlim	<ul style="list-style-type: none"> <li>– <i>Għadd u tipi ta' inizjattivi</i></li> <li>– <i>Għadd u tip ta' parteċipanti</i></li> <li>– <i>Ir-rilevanza li tkun fi żmienha</i></li> <li>– <i>Rata ta' sodisfazzjon</i></li> <li>– <i>Tip ta' effetti ta' taġħlim</i></li> </ul>

## 6.2. Valutazzjoni

### 6.2.1. Stima ta' l-impatt

Stima ta' l-impatt tas-Sena Ewropea hija mehmuża ma' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

### 6.2.2. Miżuri meħuda wara valutazzjoni intermedjarja/ex-post (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Se titnieda valutazzjoni esterna fl-2009 biex tinġabar id-*data* fuq linja bażi għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u ttiprovdi riżultati interim jekk ikun hemm bżonn. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom ikunu disponibbli minn nofs l-2011.

## 7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-Kummissjoni trid tiżgura li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skond id-Deċiżjoni preżenti jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u bil-għbir lura ta' l-ammonti mħallsa meta mhux dovuti u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz ta' pjeni effettivi, proporzjonali u dissważivi, b'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Għall-azzjonijiet Komunitarji li jkunu ffinanzjati skond din id-Deċiżjoni, irregolarità kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kull ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun ġej minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits ġestiti minnhom, minħabba element ta' nefqa mhux iġġustifikat.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

*Appropjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)*

Intestatur i ta' l-Għanijiet	Tip ta' Riżultat	Spejjeż medji	2009		2010		2011		2012		Is-sena n+4 u wara		TOTAL	
			Nru	Spejjeż Totali	Nru	Spejjeż Totali	Nru	Spejjeż Totali	Nru	Spejjeż Totali	Nru	Spejjeż Totali	Nru	Spejjeż Totali
<i>Azzjonijiet fuq skala tal-KE</i>	Laqgħat u avvenimenti	0.400	1	0.400									1	0.400
	Kampanji informattivi u promozzjonali	3.075	1	5.000	1	1.150							2	6.150
	Għajnuna teknika	0.600	1	0.600									1	0.600
	Attivitajiet ta' valutazzjoni	0.150	1	0.150									1	0.150

Kofinanzjament ta' azzjonijiet fuq skala tal-KE	Ftuħ u għeluq ta' avvenimenti	0.350	1	0.350	1	0.350						2	0.700
Il-kofinanzjament ta' azzjonijiet fil-livell nazzjonali	Għotjiet lill-Korpi Implimentatti vi Nazzjonali	0.300			30	9.000						30	9.000
SPEJJEŻ TOTALI			5	6.500	32	10.500						37	17.000

## Il-kalkolu ta' l-ispejjeż tal-miżuri

### *Azzjoni I. Azzjonijiet fuq skala tal-KE*

#### Laqgħat u avvenimenti:

€ 400 000

#### Kampanji promozzjonali u edukattivi

Baġit ta' € 6.150 miljun huwa l-ammont totali meħtieġ għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tas-Sena Ewropea. Filwaqt li parti minn dan l-ammont se jmur lejn il-koordinament tal-kampanja fil-livell ta' l-UE, il-parti l-kbira se tkun devota għall-lokalizzazzjoni tal-kampanja fil-livell nazzjonali.

#### Attivitajiet ta' valutazzjoni

L-attivitajiet kollha mwettqa għas-Sena Ewropea se jkunu suġġetti għal *valutazzjoni* ta' l-effettività u l-impatt tas-Sena Ewropea, biex ikun is-suġġett ta' rapport ippubblikat wara għeluq is-Sena.

### *Azzjoni II. Kofinanzjament ta' azzjonijiet fuq skala tal-KE*

Il-ftuħ u l-għeluq tas-Sena Ewropea se tkun immarkata minn żewġ *konferenzi* ta' livell għoli u ta' profil għoli. Għal dawn il-konferenzi jkun raġjonevoli li tistenna spiża ta' € 437 500. Il-kontribut Komunitarju medju ta' dawn l-azzjonijiet (massimu ta' 80 % ta' l-ispejjeż eliġibbli totali) huwa stmat għal € 350 000.

### *Azzjoni III. Attivitajiet fuq skala nazzjonali*

Filwaqt li l-Unjoni Ewropea tista' tipprovdi qafas għal azzjonijiet ta' tqajjim ta' kuxjenza, ta' min jaġraf li l-parti l-kbira tal-progress se jsir permezz ta' l-intervent attiv tal-membri parteċipanti nfishom.

Filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza tas-Snin Ewropej ta' qabel, azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu ffinanzjati sa 50 % mill-baġit Komunitarju.

## Infq amministrattiv

### Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li għandu jiġi assenjat bil-ġestjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>għadd ta' karigi/FTEs</b> )				
		2009	2010	2011	2012	2013
Uffiċjali jew Personal temporanju (XX 01 01)	A*/AD	1	1	1		
	B*, C*/AST	2	2	1		
Personal iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, END, personal bil-kuntratt, eċċ.)		2	2	1		
Personal ieħor iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 04/05		0	0	0		
<b>TOTAL</b>		<b>5</b>	<b>5</b>	<b>3</b>		

### Deskrizzjoni ta' ħidmiet li joħorġu mill-azzjoni

#### Deskrizzjoni ta' ħidmiet li joħorġu mill-azzjoni

Uffiċjali A: animazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell Ewropew u b'relazżjoni mal-korpi implimentattivi Nazzjonali, kumitat, tfassil ta' stedinet għall-offerti, għotjiet ta' monitoraġġ għall-Istati Membri, kampanji informattivi, avvenimenti, studji u komunikazzjoni

Uffiċjali B: monitoraġġ ta' offerti u għotjiet, għajnuna ġenerali lill-uffiċjali A fil-ħidmiet kollha

Uffiċjali C: għajnuna fil-ħidmiet kollha msemmija hawn fuq

### Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

1 Karigi attwalment allokat għall-ġestjoni tal-programm li se jinbidlu jew jiġu estiżi

0 Karigi allokat minn qabel fi ħdan il-qafas ta' l-eżerċizzju ta' l-APS/PDB għall-2008

0 Karigi li jridu jintalbu fil-proċedura APS/PDB ta' l-2009 (imma aġent kuntrattwali wieħed FG IV jew SNE mill-2009 sa l-2011 + CA FG II jew III wieħed fl-2009-2010)

3 karigi fl-2009 u l-2010 u 2 karigi fl-2011 li jridu jiġu trasferiti mill-ġdid bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (trasferiment intern)

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	2009	2010	2011	2012	2013	TOTAL
1. Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal- personal)						
Aġenziji eżekuttivi	0	0				0
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra:	0	0				0
- intra muros						
- extra muros						
<b>Teknika u amministrattiva totali</b>	<b>0</b>	<b>0</b>				<b>0</b>

L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż relatati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2009	2010	2011	2012	2013
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0.351	0.351	0.234		
Persunal ifffinanzjat mill- Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)	0.126	0.126	0.063		
<b>L-ispiża totali tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX fis-somma ta' referenza)</b>	<b>0.477</b>	<b>0.477</b>	<b>0.297</b>		

Spejjeż amministrattivi oħrajn li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

	2009	2010	2011	2012	2013	TOTAL
XX 01 02 11 01 — Missjonijiet	0.017	0.069				<b>0.086</b>
XX 01 02 11 02 — Laqgħat u konferenzi						
XX 01 02 11 03 — Kumitati	0.019	0.038	0.019			<b>0.076</b>
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet						
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni						

<b>2. It-total ta' nefqiet oħrajn ta' ġestjoni (XX 01 02 11)</b>	0.036	0.107	0.019			<b>0.162</b>
<b>3. 3. Nefqiet oħrajn ta' natura amministrattiva</b> (speċifika billi tinkludi referenza għal-linja tal-baġit)						
<b>Infiq amministrattiv totali minbarra riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	0.036	0.107	0.019			<b>0.162</b>

Kalkolu — *Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluzja fl-ammont ta' referenza*

Missjonijiet: medja ta' 3 missjonijiet fi 32 pajjiż (27 Stat Membru + pajjiżi parteċipanti oħrajn) x 900 €

Il-Kumitat: 4 laqgħat x 32 parteċipant (27 Stat Membru + pajjiżi parteċipanti oħrajn) x 700 €

Ir-rekwiżiti għar-riżorsi umani u amministrattivi jkunu koperti mill-baġit ġenerali allokat lid-DĠ ta' awtorizzazzjoni skond il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni.